Avviż Numru CCT 443/10

**Tracy Anne Camilleri**

**vs**

**Andrew Spiteri**

Illum 27 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet danni rappreżentanti f'pipe ta' drenaġġ fejn l-intimat kien waħħlu ħażin.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet ingaġġat lill-intimat sabiex jagħmel xi xogħol fil-propjeta' tagħha. Ir-rikorrenti lmentat fuq diversi affarjiet fosthom illi d-drain tat-toilet beda jnixxi għand ta' taħt u dan riżultat ta' xogħol ħażin.

L-intimat issottometta illi x-xogħol sar kollu skond is-sengħa u l-arti, u l-problema li kien hemm fi drains kien minħabba sadd u dan mhux fil-biċċa li kien għamel hu, u għalhekk mhuwiex responsabbli.

**It-Tribunal jinnota illi:**

Illi mit-talba oriġinali għat-talbiet li bdew ġejjin waqt it-Tribunal, kien hemm differenza, pero' qed jillimita ruħu għall-problema ta' sadd li kien hemm fid-drenaġġ, minkejja li r-rikorrenti xhedet fuq diversi affarjiet.

It-Tribunal wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, jinnota illi l-verżjoni tal-intimat hija aċċettabli stante li s-sadd ma sarx tort tiegħu.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**